PDF Compressor Pro





Mons Isqof Mario Grech flimkien ma' xi emigranti minn Melbourne, membri tal-kumitat St. Margaret Social Club. Jidhru fost l-oħrajn, Gorg Theuma, Joe Galea, Karmenu Camilleri u Mary Galea

# Emigranti jiltaqgħu ma' Mons. Isqof Grech

Bħala parti mill-festi fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Margerita V.M. iffestiġġjata fir-raħal ta' Sannat, nhar il-Ħadd 26 ta' Lulju, Mons. Isqof Mario Grech, it-Tnejn 20 ta' Lulju, filgħaxija, mexxa konċelebrazzjoni pontifikali fejn fakkar ukoll l-25 sena mill-Ordinazzjoni saċerdotali tiegħu u li fiha ħadu sehem numru kbir ta' emigranti u residenti barranin.

Lejn tmiem il-konċelebrazzjoni, l-Arċipriet tal-Parroċċa, Mons. Tarcisio Camilleri ppreżenta 500 ewro lill-Mons Isqof, flus miġbura mill-pubbliku, sabiex imorru għall-karità, li kontinwament tagħti d-Djoċesi Għawdxija lil dawk kollha bi bżonnijiet.

Wara, l-emigranti u r-residenti barranin iltaqgħu flimkien għar-riċeviment fis-Sala tad-Dar Parrokkjali.

Aktar tard fil-Pjazza tal-knisja ttellgħet serata divertenti mill-Għaqda Drammatika Sannat bl-isem Sannat fil-Kultura. Ħadu sehem fost l-oħrajn il-Gruppi Sinnet u dak Seguna.



Mons Isqof mal-familja Spiteri li tgħix hawn f'Sydney, Joe, Anna, Philip, Karen u Luke



Salvu Muscat u Margaret xebba Curmi, it-tnejn minn ta' Sannat, flimkien ma' Mons. Isqof Grech. Żjara f'Għawdex wara 20 sena



Il-Grupp Folkloristiku ta' Seguna. Jidhru Kelinu Curmi, Leli t-Tullu, Joe Kaxxori, Joe Galea u Joe Muscat

## AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





Il-Kanonku Ġużeppi Cauchi jasal fil-bieb tal-Katidral fejn jiġi milqugħ mill-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, l-Arċidjaknu Mons. Giovanni Bosco Gauci

# Jingħata l-Pussess ta' Monsinjur

Il-Kanonku Ġużeppi Cauchi mill-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, Nadur, ingħata l-pussess ta' Monsinjur tal-Kapitlu Katidrali, waqt ċerimonja fil-Katidral tal-Assunta, ir-Rabat, Għawdex, immexxija mill-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, l-Arċidjaknu, Mons. Giovanni Bosco Gauci.

Mons. Cauchi serva għal għoxrin sena sħaħ bħala Kanonku tal-Insinji Kolleġġjata u Bażilka ta' San Pietru u San Pawl. Għal tlieta u tletin sena sħaħ wettaq diversi dmirijiet b'riżq is-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, fil-kariga ta' għalliem, prefett tas-seminaristi u prokuratur. Matul dawn is-snin, Mons. Cauchi rnexxielu jibdel il-bini tas-Seminarju li għandu fuq mitejn sena u li kien jintuża bħala l-iSptar ta' San Ġiljan, f'post modern mingħajr biss ma' bidillu l-arkitettura u l-karatteristika tiegħu.

Illum huwa s-Segretarju Amministrattiv tal-Kurja Djoċesana u Prokuratur Aġġunt tal-Proprjetà tal-Knisja Katidrali kif ukoll Rettur tas-Santwarju tal-Madonna ta' Pompej.



Waqt iċ-ċerimonja tal-pussess ta' Mons. Ġużeppi Cauchi



Wara ċ-ċerimonja tal-pussess. Mons. Cauchi jiltaqa' ma' dawk li marru biex jifirħulu

**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott -** *Hard Cover*



Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott.
Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald**
**PO Box 330 Merrylands NSW 2160**
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***